MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru 613/2003

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)

vs

Joseph Callus

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' iodentita' numru 300460(M), akkuzat talli bil-lejl bejn id-19 ta' Gunju 2003 u l-20 ta' Gunju 2003 ghal habta tal-11.45p.m. gewwa l-Mtarfa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' bintu Maria Callus f'perikolu car, ikkagunala griehi ta' natura gravi fuq l-istess Maria Callus, skond kif iccertifika Dr N.J.Vassallo mill-Mosta Health Centre;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta serq ta’ Lm2,000 mill-fond Blk B, Flat 4, Binja Sta Lucia, Mtarfa, liema serq hu aggravat bil-valur, hin u l-persuna ghad-detriment ta’ Joanne Callus;

Irrenda ruhhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba li f’kas ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni ta’ Maria Callus u torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu.
Rat ir-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti skond l-artikoli tal-ligi citati fir-rinviju;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellu ebda oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jmorru lura ghas-sena 2003. Mill-provi jirrizulta li l-imputat, gia’ zewg Joanne Callus, li minnha kien gia’ separat jew fil-procint li jissepara, gie lilu konsentit minn martu li jabita fid-dar konjugali billi dak iz-zmien ma kellux abitazzjoni. Ma’ martu kien hemm joqghodu l-ulied fosthom Maria Callus li hemmhekk kienet taht l-eta. Difatti kellha sittax-il sena. Kien il-hin tal-11.45 ta’ bil-lejl meta l-imputat sema’ xi vucijiet gejjin mill-kamra ta’ bintu, l-imsemmija Maria, u meta fetah il-bieb ra guvni li kien nofsu barra t-tieqa. Dan il-guvni kif ra lil imputat harab. Kien hawn li bintu Maria soffriet griehi fuq il-persuna taghha.

Issa l-Qorti qeghdha taghzel li temmen il-versjoni li tat il-minuri u tirrimarka, kif juru r-ritratti esebiti in atti u kkonfermati bil-gurament mill-persuna li hadditom, li hi

kienet sofriet feriti mhux ta’ ftit kont anka jekk mhux klassifikabbli bhala gravi apparti dik li sofriet fi sniena li hi gravi ‘per natura’. Fi kliem ix-xhud Maria, l-imputat missierha kien ta daqqa b’idejh f’ghanejha u sabbtilha wicca mal-art. Stqarret li hargilha demm minn halqha u kellha tbegila taht ghanejha. It-tabib Joseph Vassallo, esercitanti l-professjoni tieghu ta’ tabib mill-poliklinika tal-Mosta, xehed dwar dawn il-griehi u qal li kien irriskontra fuq l-imsemmija Marija, tbengil u kontuzzjoni f’gedduma, kontuzjoni taht l-ghajn tax-xellug, kontuzjoni fuq xuftejha u caqliq f’sinna li minnha kien hiereg id-demm. Dawn huma kollha kompatibbli ma’ l-agir ta’ missierha fir-rigward taghha fl-incident meritu dina l-kawza. Apparti dan xehdet ukoll id-dentista li mmedikat lit-tfajla li spjegat it-trattament li kellha taghmel tul tlett seduti u li kien jikkonsisti filli nehhiet zewg nervaturi ta’ tnejn tas-snien ta’ fuq u trattament biex iggib sinna ohra f’postha.

Fl-udjenza tal-5 ta’ Frar 2004 Joanne Callus, mart l-imputat u omm Maria, stqarret illi kienet raggunta transazzjoni ghal dawk li kienu danni civili u la hi u lanqas bintha minuri (li ghaliha kienet tuttrici) ma kellhom l-ebda pretensjonijiet ta’ natura pekunjarja, s’intendi kontra l-imputat. Zdiedet li r-relazzjoni bejniethom u ma’ l-ulied ittrangat u nnormalizzat ruhha. Imbaghad fis-seduta tat-2 ta’ Mejju 2005 regghet dehret u rrinunzjat ghal kull haga li hi rinunzjabbli u ddikjarat li l-kwistjonijiet ta’ bejniethom (jigifieri mal-imputat) gew risolti kompletament.

Illi din ir-rinunzja pero’ ma newtralizzatx ghal kollox il-proceduri li baqghu jghoddu kemm fir-rigward l-akkuza koncernanti l-ferita gravi, kemm dwar is-serq u kemm dwar u r-recidiva. Difatti l-Avukat Generali fir-rinviju tieghu ghall-gudizzju baqa’ jsostni fuq dawn l-akkuzi.

Intant, trattata l-akkuza tas-serq, anka fir-rigward taghha l-Qorti sejra tqis kredibbli ghal ahhar dak mistqarr mill-omm fix-xhieda taghha billi mhux kontradetta mill-imputat li mank ghamel accenn ghal dan meta ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda. Mit-testimonjanza li forniet d-derubata, l-omm, jirrizulta li l-flus Maltin kienu sehem minn bejgh ta’

vettura li kienet parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dawn ittiehdu mill-imputat kontra l-volonta’ taghha.

Mill-bqija r-recidiva tirrizulta fis-shih.

Konsegwentement, issibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza.

Rat l-Artikolu 214, 216(c)(d), 222(a), 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 49, 50, 17(b) u 31 tal-Kap 9;

Ikkonsidrat dwar il-piena li ma jkunx xieraq li illum timponi piena effettiva ta’ prigunerija. Billi hi prekluza li taddotta sentenza sospiza u ma jidhirx li hemm l-utilita’ biex l-imputat jitpogga taht harsien ta’ ufficjal tal-probation u lanqas, fic-cirkostanzi, li jinghata servizz fil-komunita’. Billi ma jidrilhiex li ghandha wara tant zmien tapplika xi provvediment kontra l-imputat anke fuq li stqarret l-omm, qeghdha tilliberah taht il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah li jhallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------